MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 1196/2000/1

**Dr. Joseph Zammit Tabona u martu May Zammit Tabona u b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2006 il-kawza tkompliet f'isem Raffaella Zammit Tabona u Dr. Joseph Zammit Tabona flok May Zammit Tabona li mietet waqt li kienet miexja l-kawza**

**v.**

**Charles sive Charlie Saliba**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

Dan l-appell jikkoncerna proceduri istitwiti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Gunju, 2000 fejn l-atturi allegaw li l-konvenut kien il-promotur u organizzatur u ha sehem attiv fir-rapina li saret kontra l-atturi fid-dar taghhom gewwa 68 Main Street, San Giljan fil-lejl tat-12 ta’ Mejju, 1995 u konsegwentement qed jintalab li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghad-danni subiti u kundannat ihallas dak l-ammont li jigi likwidat mill-Qorti.

B’sentenza preliminari moghtija fl-10 ta’ Ottubru, 2006 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet mill-ewwel zewg talbiet mressqa fic-citazzjoni attrici meta laqghat l-istess u konsegwentement ddikjarat lill-konvenut kien ha sehem fis-serqa mid-dar ta’ l-atturi fit-12 ta’ Mejju 1995 u wara li rat l-Artikolu 1049 tal-Kodici Civili qalet li l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kollha li garrbu l-atturi.

Bid-digriet moghti fl-4 ta’ Marzu 2008 f’dawn l-istess proceduri l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet ir-rikors tal-konvenut ipprezentat fit-8 ta’ Jannar 2007 ghall-isfilz tal-affidavit tal-attur Dr. Joseph Zammit Tabona pprezentat fit-13 ta’ Novembru, 2006 u

B’sentenza finali moghtija mill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Marzu, 2008 dik il-Qorti ddisponiet mit-tielet u r-raba’ talbiet tal-atturi billi llikwidat id-danni li garrbu l-atturi fis-somma ta’ mija u tletin elf, erba’ mija u wiehed u erbgin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€130,441.42) ekwivalenti ghal Lm55,998.50 – u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-atturi id-danni hekk likwidati flimkien ma’ l-imghax u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni.

B’rikors intavolat fis-17 ta’ Marzu, 2008 il-konvenut appella kemm mis-sentenzi msemmija kif ukoll mid-digriet tal-4 ta’ Marzu 2008 u qed jitlob fl-ewwel lok ir-revoka tas-sentenza tal-10 ta’ Ottubru, 2006; fit-tieni lok ir-revoka tad-digriet tal-4 ta’ Marzu, 2008 u konsegwentement, prevja l-akkoljiment tar-rikors tal-istess konvenut ipprezentat fit-13 ta’ Novembru, 2006, tordna l-isfilz tal-affidavit ta’ l-attur ipprezentat fit-13 ta’ Novembru, 2006. Il-konvenut appellant talab ukoll ir-revoka tas-sentenza finali tal-4 ta’ Marzu, 2008 u, b’referenza ghat-talbiet indirizzati lejn is-

sentenzi, talab li jigu milqugha l-eccezzjonijiet tieghu u li konsegwentement din il-Qorti tichad it-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell ser jigu riprodotti s-sentenzi hawn fuq imsemmija.

Fis-sentenza tal-10 ta' Ottubru, 2006 jinghad hekk:

"F'din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu lill-konvenut għad-danni għax igħidu illi seraqhom.

"Iċ-ċitazzjoni tgħid illi filgħodu kmieni fit-12 ta' Mejju 1995 xi nies kienu għamlu serqa mid-dar fejn joqogħdu l-atturi, 68 Triq il-Kbira, San Ġiljan; kienu nsterqu flus u ħwejjeġ oħra, saret ħsara fil-proprjetà ta' l-atturi li ġarrbu wkoll ġrieħi fuq il-persuna tagħhom. Il-konvenut kien wieħed minn dawk li ħadu sehem fis-serqa; anzi, kien il-"movent u promotur" u għalhekk għandu jwieġeb għal dak kollu li ġarrbu l-atturi.

"Lill-atturi ma seħħilhomx li jsiru jafu min kienu n-nies l-oħra li ħadu sehem fis-serqa, u jridu jistabilixxu l-ħtija għallinqas tal-konvenut, kif ukoll l-entità tad-danni li ġarrbu. Għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-Qorti:

"1. tgħid illi l-konvenut kien il-"promotur u organizzatur" tas-serqa u kien ħa sehem attiv fiha;

"2. tgħid illi l-konvenut għandu jwieġeb lejn l-atturi għad-danni kollha li dawn ġarrbu minħabba s-serqa;

"3. tillikwida d-danni; u

"4. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħax minn dakinhar tas-sentenza u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Lulju 1998.

"Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

“1. ma huwa minnu xejn illi l-konvenut ħa sehem fis-serqa tat-12 ta’ Mejju 1995;

“2. din il-kawża saret biss biex l-atturi jiksbu vantaġġ artifiċjali f’kawża illi l-konvenut bħala direttur f’isem soċjetà kummerċjali fetaħ kontra tagħhom għax għandhom jagħtu lis-soċjetà li deher għaliha l-konvenut; u

“3. il-konvenuti ilhom għal ħafna snin jissaportu l-allegazzjonijiet frivoli u vessatorji ta’ l-atturi, li għamlu ħsara lill-konvenut l-aktar għax tellfuh ix-xogħol, u l-konvenut għalhekk qiegħed imexxi b’kawża oħra għad-danni li ġarrab u li qiegħed iġarrab.

“Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

“Fil-lejl tat-12 ta’ Mejju 1995, meta l-atturi kienu reqdin fid-dar tagħhom, daħlu fuqhom xi ħallelin, milli jidher mill-bieb tal-bejt. Kienu b’kollox bejn ħamsa u sebgħa min-nies, kollha b’wiċċhom mgħotti. Tlieta minnhom daħlu fil-kamra tas-sodda fejn kienu l-atturi u tefgħuhom ma’ l-art; wieħed minnhom kiser riġel l-attriċi b’daqqa ta’ azzarin u qalilha “Agħtina d-deheb kollu ħalli mmorru nibilgħuhom”, waqt illi ieħor żamm lill-attur ma’ l-art biż-żarbun fuq wiċċu u qallu “Agħtina ż-żewġt ibramel deheb li għidtilna li għandek”. Dehru li kienu drogati.

“Il-bqija tal-ħallelin daħlu f’kamra oħra fejn l-atturi kellhom kaxxaforti u din il-kaxxa bdew iġorruha bħal biex joħorġuha barra fit-triq biex joħduha magħhom. F’ħin minnhom iżda sabu ċ-ċavetta tal-kaxxaforti u għalhekk setgħu jiftħuha u jieħdu dak li kien hemm ġewwa bla ma jkollhom jieħdu l-kaxxa b’kollox. Wieħed minnhom qal lit-tlieta l-oħra li kienu fil-kamra tas-sodda, “L-aħwa, nistgħu mmorru”. Il-ħallelin kollha, ħlief wieħed minnhom, tkellmu bejniethom. Mill-aċċent tagħhom dehru li kienu min-naħa ta’ isfel ta’ Malta.

“Hekk kif il-ħallelin bdew ħerġin mill-bieb ta’ barra l-attur ħareġ mill-kamra tas-sodda u rahom ħerġin. Dak fost il-ħallelin li kien baqa’ sieket kien l-aħħar wieħed li ħareġ u l-attur rah kemm waqt li kien ħiereġ kif ukoll meta daħal fil-

van li fih x'aktarx il-ħallelin kellhom il-ħsieb li jġorru l-kaxxaforti li kieku ma seħħilhomx li jiftħuha. Dwar dan il-ħalliel li baqa' sieket u ħareġ l-aħħar wieħed, l-attur xehed hekk:

"In segwitu, meta allura l-ħallelin kienu sejrin u jiena ħriġt mill-kamra warajhom, jiena lill-konvenut għaraftu u kien wieħed mis-sitta jew sebgħa żgur li kienu. Għaraftu b'għajnejja, wara li ġà kont naf li kien wieħed magħhom mill-ewwel, b'widnejja, kif ġa` spjegajt. U dan f'xena ta' meravilja, biża' u esperjenza trawmatika. Lill-konvenut kont ili nafu personalment *closely* xi tnax-il sena kontinwu qabel l-inċident, u ferm qabel ukoll ma' missieru; naf surtu, mixjietu, u għemilu sewwa b'kuntatti kontinwi snin kbar u ħaddiem tiegħi u midħla, *sic et constanter*.

"Għalhekk il-*fare* tiegħu, l-istatura, it-tul u l-atteġġjament nafhom tajjeb u kienu kollha jaqblu mad-dettal li rajt u ma' dak li naf dwar il-persuna tal-konvenut hekk midħla tiegħi, anke l-moviment u l-inklinazzjoni tar-ras. Ftit qabel l-inċident infatti kont għidtlu dawn il-preċiżi kliem: "Qisna għarajjes jien u int, inżommu kuntatt kważi kuljum". Għalhekk il-karatteristiċi personali tal-konvenut jiena kont nafha [sic] tajjeb, u għalhekk għaraftu.

"Mill-grupp li ġew id-dar, ħamsa tkellmu liberament, tlieta minnhom fil-kamra tas-sodda *ad alta voce*; biss il-konvenut baqa' sieket u baqa' n-naħa ta' barra tad-dar fl-entrata u ma tkellimx anke meta kellimtu jiena, minn dawk li rajt. Jiġifieri filwaqt li l-oħrajn tkellmu liberament għax mhux magħrufa, anzi mhux tal-pajjiż u cioè mhux minn San Ġiljan uħud minnhom, il-konvenut baqa' silenti u ma qal ebda kelma lili – hu biss minn dawk li rajt jiena.

"Naturali fiċ-ċirkostanzi, fis-sorpriża tax-xokk u tal-biża' ta' l-okkażżjoni, jiena ma stajtx nikxef dak li b'meravilja kont għaddej minnu, bix-xokk ta' l-okkażjoni li lejlietha lanqas remotament kont noħlomha, jew li kienet possibli, bl-intervent tal-konvenut fuq kollox.

"Però jiena kont naf li kien mal-grupp mill-ewwel għax qaluli u għax għaraftu, u naf li żamm ruħu fin-naħa ta'

barra tad-dar, fejn jiena rajtu; u fil-van abjad, ma' oħrajn mhux magħrufa, meta telqu 'l fuq lejn Spinola; u fil-van erġajt rajtu, mit-tieqa tad-dar li ġabet il-ħġieġa ta' quddiem tal-van tajjeb biżżejjed biex għajnejja ippenetraw fil-fond; rajtu qisu nofs wiċċu minn taħt, mikxuf.[1]"

"Minkejja dak illi sejjer jingħad aktar 'il quddiem, il-Qorti temmen lill-attur; temmen illi jekk bniedem tkun ilek tafu ħafna snin, tagħarfu wkoll jekk ma tarax wiċċu u ma tismax leħnu: tagħarfu mill-forma u d-daqs ta' ġismu, mill-imġieba tiegħu u minn kif iżomm ruħu, mill-movimenti li jagħmel. Għalhekk temmen illi tassew illi l-konvenut kien wieħed mill-ħallelin.

"Il-Qorti tgħid dan għalkemm tagħraf illi hemm xi inkonsistenzi fix-xhieda ta' l-attur, l-aktar fejn igħid illi lill-konvenut għarfu b'għajnejh u b'widnejh, għalkemm b'widnejh żgur ma setax jagħarfu għax il-konvenut baqa' ma tkellimx. Ma jiftehemx ukoll l-attur fejn igħid illi "jiena kont naf li kien mal-grupp mill-ewwel għax qaluli u għax għaraftu"; min kien li qallu?

"Għandu jingħad ukoll illi xi wħud mill-argumenti ta' l-atturi huma hekk banali illi jdgħajjfu mhux issaħħu t-teżi tagħhom: argumenti illi jibnu l-ħtija tal-konvenut fuq il-fatt illi waqa' minn fuq sellum, illi stieden lill-atturi għat-tieġ ta' bintu, illi ma qalx lill-atturi li miet missieru, illi kien partat xogħol ma' art, illi lill-atturi bagħtilhom kartolina biex igħarrafhom illi fetaħ ħanut is-Swieqi, illi kellu xi jgħid ma' ħutu, illi qagħad "silenti u assenti", fi kliem ir-ritornell tan-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi, huma argumenti li jservu biss biex joħolqu dubji, għax min hu konvint mill-pożizzjoni tiegħu ma joqghħodx jistrieħ fuq konklużjonijiet mibnija fuq argumenti mġebbda u banali bħal dawn.

"Li tassew jista' jingħad hu illi min daħal fid-dar ta' l-atturi kien midħla tad-dar, għax kien jaf mnejn kellu jgħaddi, x'kellu jfittex u fejn kien dak li ried. Kien ukoll xi ħadd magħruf mill-attur, għax qagħad attent ma jitkellimx, li ma jintgħarafx minn leħnu. Naturalment ma kienx il-konvenut

[1] *Affidavit* ta'l-attur, *foll.* 29 *et seq.*

biss li kellu dawn il-kwalitajiet, iżda ċertament kien wieħed mill-ftit li kellhom.

“Imbagħad hemm ukoll l-episodju tal-“bramel tad-deheb”.

“Il-konvenut jagħmel xogħol ta’ *plumber* u *electrician*, u l-attur qabel is-serqa kien iqabbdu fuq proġetti x’aktarx kbar. Ġara illi, minħabba ċirkostanzi personali, l-attur għadda minn żmien fejn ma setax iħallas fil-pront u lill-konvenut talbu jagħtih ftit żmien. Biex iserraħlu moħħu li kien sejjer jitħallas l-attur qallu metaforikament illi kellu “żewġt ibramel deheb” biex jagħmlu tajjeb; b’hekk ried igħidlu illi kellu l-proprjetà wkoll jekk ma setax iħallas minnufih bi flus likwidi.

“Fis-serqa l-ħallelin bdew igħidu lill-attur biex jagħtihom il-bramel tad-deheb li qal illi għandu. Għalhekk bilfors illi l-ħallelin jew kienu semgħu bil-“bramel tad-deheb” mingħand il-konvenut, jew il-konvenut kien wieħed minnhom u ħadhom apposta biex jieħdu d-deheb illi ħasbu illi x’aktarx illi jkun fil-kaxxaforti. Iżda x’raġuni kellu l-konvenut illi jgħid lin-nies illi l-atturi kellhom “bramel tad-deheb” id-dar jekk mhux bi ħsieb ħażin?

“Tassew, il-Qorti kienet tkun aktar konvinta li kieku l-attur qal pożitivament li għaraf lill-konvenut u waqaf hemm, għax jinħoloq is-suspett illi kienu ċ-ċirkostanzi l-oħra – l-aktar il-“bramel tad-deheb” – li kkonvinċew lill-attur li għaraf lill-konvenut, u mhux għax tassew għarfu. Madankollu, l-attur ma jħalli ebda dubju fix-xhieda tiegħu illi tassew għaraf lill-konvenut minn persuntu u mill-qagħda u l-imġieba tiegħu, u l-Qorti hija sodisfatta illi tista’ toqgħod fuq il-kelma ta’ l-attur.

“Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa’ l-ewwel żewġ talbiet ta’ l-atturi: tgħid illi l-konvenut kien ħa sehem fis-serqa li saret mid-dar ta’ l-attur fit-12 ta’ Mejju 1995 u, wara li rat l-Art. 1049 tal-Kodiċi Ċivili, tgħid illi l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni kollha li ġarrbu l-atturi.

“Tordna li jitkompla s-smigħ għall-għanijiet tat-talbiet l-oħra.”

Illi permezz ta' digriet moghti fl-10 ta' Ottubru, 2006, il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat lill-atturi zmien biex jipprezentaw prospett tad-danni minnhom pretizi. Minflokk prospett, kif awtorizzati, l-atturi pprezentaw affidavit fit-13 ta' Novembru, 2006. Fit-8 ta' Jannar, 2007 il-konvenut talab l-isfilz tal-istess affidavit tal-attur stante li dan jikkostitwixxi prova gdida minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti u wara li l-atturi kienu ghalqu l-provi taghhom fis-27 ta' Mejju 2004. B'digriet moghti fl-4 ta' Marzu 2008 cioe` dakinhar li gew decizi t-tielet u raba' talbiet tal-atturi, il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tal-konvenut ghall-isfilz tal-imsemmi affidavit.

Is-sentenza moghtija fl-4 ta' Marzu, 2008 tghid hekk:

"F'din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu lill-konvenut għad-danni għax igħidu illi seraqhom.

"Iċ-ċitazzjoni tgħid illi filgħodu kmieni fit-12 ta' Mejju 1995 xi nies kienu għamlu serqa mid-dar fejn joqogħdu l-atturi, 68 Triq il-Kbira, San Ġiljan; kienu nsterqu flus u ħwejjeġ oħra, saret ħsara fil-proprjetà ta' l-atturi li ġarrbu wkoll ġrieħi fuq il-persuna tagħhom.
"Il-konvenut kien wieħed minn dawk li ħadu sehem fis-serqa; anzi, kien il-"movent u promotur" u għalhekk għandu jwieġeb għal dak kollu li ġarrbu l-atturi.

"Lill-atturi ma seħħilhomx li jsiru jafu min kienu n-nies l-oħra li ħadu sehem fis-serqa, u jridu jistabilixxu l-ħtija għallinqas tal-konvenut, kif ukoll l-entità tad-danni li ġarrbu. Għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-Qorti:

"1. tgħid illi l-konvenut kien il-"promotur u organizzatur" tas-serqa u kien ħa sehem attiv fiha;

"2. tgħid illi l-konvenut għandu jwieġeb lejn l-atturi għad-danni kollha li dawn ġarrbu minħabba s-serqa;

"3. tillikwida d-danni; u

“4. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-imgħax minn dakinhar tas-sentenza u l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ l-ittra uffiċjali tal-15 ta’ Lulju 1998.

"Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

"1. ma huwa minnu xejn illi l-konvenut ħa sehem fis-serqa tat-12 ta’ Mejju 1995;

"2. din il-kawża saret biss biex l-atturi jiksbu vantaġġ artifiċjali f’kawża illi l-konvenut bħala direttur f’isem soċjetà kummerċjali fetaħ kontra tagħhom għax għandhom jagħtu lis-soċjetà li deher għaliha l-konvenut; u

"3. il-konvenuti ilhom għal ħafna snin jissaportu l-allegazzjonijiet frivoli u vessatorji ta’ l-atturi, li għamlu ħsara lill-konvenut l-aktar għax tellfuh ix-xogħol, u l-konvenut għalhekk qiegħed imexxi b’kawża oħra għad-danni li ġarrab u li qiegħed iġarrab.

"B’sentenza mogħtija fl-10 ta’ Ottubru 2006 il-Qorti laqgħet l-ewwel żewġ talbiet ta’ l-atturi – billi qalet illi l-konvenut kien ħa sehem fis-serqa li saret mid-dar ta’ l-attur fit-12 ta’ Mejju 1995 u, wara li rat l-Art. 1049 tal-Kodiċi Ċivili, qalet illi l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni kollha li ġarrbu l-atturi – u ordnat illi jitkompla s-smigħ għall-għanijiet tat-talbiet l-oħra.

"B’digriet mogħti dakinhar ukoll il-Qorti tat lill-atturi żmien biex ifissru bi prospett il-pretensjonijiet tagħhom dwar il-quantum tad-danni. L-atturi għamlu dan il-prospett fil-forma ta’ affidavit ippreżentat fit-13 ta’ Novembru 2006 u l-konvenuti għamlu l-osservazzjonijiet tagħhom dwaru b’nota tat-8 ta’ Jannar 2007. Din is-sentenza tal-lum hija dwar it-talbiet għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni.

“Id-danni pretiżi mill-atturi jaqgħu, essenzjalment, f’żewġ kategoriji: fl-ewwel kategorija hemm il-ħwejjeġ misruqa u n-nefqa biex issewwiet il-ħsara għamlu l-ħallelin biex setgħu jidħlu, u fit-tieni kategorija hemm l-ispejjeż mediċi u

ta' kura li kienet teħtieġ l-attriċi May Zammit Tabona billi l-ħallelin kisrulha sieqha waqt is-serqa.

"Id-danni ta' l-ewwel kategorija huma dawn:

- ġojjelleria stmata li tiswa:Lm 51,406.00
- flus kontanti: Lm 2,381.00
- nefqa biex issewwiet ħsara:Lm 65.00
- B'kollox: Lm 53,852.00

"Il-Qorti tifhem illi sid ma huwiex mistenni li jżomm riċevuta li turi kemm jiswew il-ħwejjeġ li jżomm f'daru, lanqas li jżomm rendikont dokumentat tal-flus kontanti li jżomm id-dar. L-aħjar prova li tista' ssir f'ċirkostanzi bħal dawk tal-każ tal-lum hija bil-ġurament tas-sid.

"Il-Qorti, wara li qieset l-elementi ta' prova fil-proċess, il-kondizzjoni ta' l-atturi kif setgħet taraha waqt aċċess li sar fid-dar tagħhom, u l-fatt illi ma ntweriet ebda raġuni għala ma għandhiex temmen lill-attur, toqgħod fuq ix-xhieda ta' l-attur u tgħid illi l-ħwejjeġ misruqa u n-nefqa biex issewwiet il-ħsara jiswew b'kollox tlieta u ħamsin elf, tmien mija u tnejn u ħamsin Lira (Lm53,852.00) – mija u ħamsa u għoxrin elf, erba' mija u wieħed u erbgħin Euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€125,441.42).

"L-ispejjeż mediċi u ta' kura b'kollox telgħu għal sitta u tletin elf, sitt mija u tnejn u ħamsin Lira (Lm36,652). Għal uħud minn dawn l-ispejjeż ma hemmx riċevuti billi l-ħlas kien isir fi flus kontanti. L-atturi qegħdin jippretendu biss in-nofs billi xi wħud minn dawn l-ispejjeż kienu jkunu meħtieġa xorta minħabba fix-xjuħija.

"Għalkemm hawn ukoll il-prova tan-nefqa saret bil-ġurament ta' l-attur, il-Qorti tifhem illi hawn iċ-ċirkostanzi huma differenti. Dawn huma spejjeż li saru wara s-serqa meta l-atturi kellhom il-ħsieb li jfitttxu lill-konvenut bil-Qorti, u għalhekk kien mistenni minnhom, u kien ikun għaqli, li jżommu riċevuti. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi ma għandhiex toqgħod fuq il-prospett magħmul mill-attur, iżda

għandha tagħmel likwidazzjoni *arbitrio boni viri* wara li tqis l-elementi ta' prova li hemm fil-proċess, il-ġrieħi li ġarrbet l-attriċi, l-età tagħha u l-kundizzjoni ta' l-atturi. Wara li għamlet dan l-eżerċizzju, il-Qorti tillikwida dawn id-danni minħabba spejjeż mediċi u kura fis-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000).
"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi mit-tielet u r-raba' talbiet ta' l-atturi, u hekk taqta' l-kawża, billi tillikwida d-danni li ġarrbu l-atturi fis-somma ta' mija u tletin elf, erba' mija u wieħed u erbgħin Euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€130,441.42) u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat kemm bid-digriet fuq imsemmi, kif ukoll biz-zewg sentenzi hawn fuq riportati u ghalhekk, b'rikors intavolat fis-17 ta' Marzu, 2008 talab li din il-Qorti joghgobha:-

a) Tannulla, tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet imsemmija;

b) Tannulla, tirrevoka u thassar id-digriet moghti fl-4 ta' Marzu 2008 fejn l-istess Qorti cahdet ir-rikors tal-appellant ipprezentat fit-8 ta' Jannar 2007 ghall-isfilz tal-affidavit tal-attur Dr. Joseph Zammit Tabona pprezentat fit-13 ta' Novembru 2006 u minflok tilqa' t-talba [kontenuta] fir-rikors tal-appellant u tordna l-isfilz tal-imsemmi affidavit.

c) Tannulla, tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu 2008 fl-ismijiet fuq imsemmija.

d) Tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant u tichad it-talbiet kollha tal-atturi f'din il-kawza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

L-atturi appellati pprezentaw risposta fl-10 ta' April, 2008 fejn, filwaqt li stqarrew li s-sentenzi u d-digriet huma gusti u jimmeritaw konferma, talbu li ghar-ragunijiet hemm moghtija l-appell tal-konvenut jigi michud u s-sentenzi konfermati bl-ispejjes kontra l-appellant.

**L-aggravji tal-appellant dwar is-sentenza tal-10 ta' Ottubru, 2006.**

L-ewwel Qorti bis-sentenza msemmija ppronunzjat ruhha fuq l-ewwel zewg talbiet tal-atturi billi kkonkludiet li l-konvenut kien ha sehem fis-serqa li saret mid-dar tal-atturi fit-12 ta' Mejju, 1995 u, wara li rat l-Art. 1049 tal-Kodici Civili, ddecidiet li l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kollha li garrbu l-atturi. Il-kawza dakinhar giet differita in konnessjoni mat-talbiet l-ohra.

F'dawn il-proceduri l-atturi jghidu li fit-12 ta' Mejju 1995 huma kienu garrbu serqa fid-dar taghhom f'San Giljan kif ukoll griehi personali fl-istess okkazzjoni. Huma jallegaw li l-konvenut kien ha sehem fl-imsemmija serqa, flimkien ma' ohrajn, anzi li kien il-"movent u promotur" u ghalhekk kienu talbu li l-konvenut jigi dikjarat li ha sehem attiv f'din is-serqa u li konsegwentement ghandu jwiegeb ghad-danni sofferti minnhom, liema danni kellhom jigu likwidati mill-istess Qorti.

Il-konvenut cahad kategorikament il-partecipazzjoni tieghu fl-imsemmija serqa u sostna li l-kawza kienet giet istitwita kontra tieghu minhabba proceduri gudizzjarji li l-kumpannija li huwa msieheb fiha kienet istitwit kontra l-atturi ghall-prezz ta' servizzi prestati lill-istess atturi.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li kien hemm certa inkonsistenzi fix-xhieda tal-atturi izda wara li kkonsiderat il-provi kollha prodotti waslet biex laqghat l-ewwel zewg talbiet billi esprimiet ruhha hekk:

"*il-Qorti temmen lill-attur; temmen illi jekk bniedem tkun ilek tafu hafna snin, tagharfu wkoll jekk ma tarax wiccu u ma tismax lehnu; tagharfu mill-forma u d-daqs ta' gismu, mill-imgieba tieghu u minn kif izomm ruhu, mill-movimenti*

*li jaghmel. Ghalhekk temmenn illi tassew illi l-konvenut kien wiehed mill-hallelin.*"

L-ewwel Qorti hassitha suffragata f'din il-konkluzjoni billi osservat "*li tassew jista' jinghad hu illi min dahal fid-dar ta' l-atturi kien midhla tad-dar, ghax kien jaf mnejn kellu jghaddi, x'kellu jfittex u fejn kien dak li ried. Kien ukoll xi hadd maghruf mill-attur, ghax qaghad attent ma jitkellimx, li ma jintgharafx minn lehnu.*" Finalment dik il-Qorti sejset il-konvinciment morali taghha dwar il-partecipazzjoni tal-konvenut fis-serqa billi emnet li waqt is-serqa l-istess hallelin kienu nsistew li jinghataw il-"*bramel tad-deheb*" li allegatament kellhom l-atturi, frazi din li l-attur ighid li qal lill-konvenut f'okkazjoni qabel ma sehhet is-serqa.

Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-konvenut qed jikkontesta l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti dwar l-allegat rikonoxximent tieghu mill-attur billi jezamina bicca bicca l-konkluzjonijiet ta' dik il-Qorti u filwaqt li jsostni li l-grad ta' prova f'cirkostanzi simili, u cioe` fejn persuna fi proceduri civili hija akkuzata b'reat, kellha twassal mhux biss ghall-probabilita` li t-talba kienet gustifikata izda kellu jigi applikat *test* aktar rigoruz – simili ghal dak adoperat fi proceduri kriminali – qabel ma l-Qorti taccetta li kien hemm rikonoxximent. L-appellant ezamina wkoll diversi fattispecie tal-kaz kif johorgu mill-provi li, skond l-istess konvenut, jitfghu certa del fuq ix-xhieda tal-istess attur u li dawn l-inkonsistenzi kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti biex tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu u konsegwentement tichad it-talbiet attrici.

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li l-aggravji mressqa fil-konfront tas-sentenza tal-10 ta' Ottubru, 2006, fejn il-konvenut instab hati tas-serqa in kwistjoni, huma kollha ndirizzati lejn l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti. Issa huwa risaput li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet validi u impellenti sabiex l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata.

Illi huwa ben stabbilit li hemm distinzjoni netta bejn il-grad ta' prova li ghandha titressaq fi proceduri kriminali u dawk civili. Filwaqt li f'ta l-ewwel l-akkuza triq tirrizulta "*beyond reasonable doubt*" fil-kamp civili jkun bizzejjed li l-provi prodotti jwasslu lill-gudikant ghal "*a moral certainty*" li l-provi jwasslu ghall-akkoljiment tat-talba attrici.

Huwa minnu, kif jsostni l-konvenut, anke surrogat bi pronunzjamenti ta' l-ghola qrati inglizi, li l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh u jiddistingwi bejn kaz u iehor b'dana li fejn il-konvenut, fi proceduri civili, jkun qed jigi akkuzat b'reat, l-istess gudikant jrid jadotta *test* aktar rigoruz partikolarment meta jkun hemm kwistjonijiet ta' identita` tal-persuna li tkun qed tigi citata. Biss kif jirrizulta ben tajjeb fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Zammit** (Appell Kriminali 16/7/1998) citata mill-istess appellant, il-ligi ma telenka ebda regoli meta si tratta dwar kazi ta' identifikazzjoni billi l-legislatur ried ihalli fil-gudizzju prudenti u ghaqli tal-gudikant. F'din is-sentenza jinghad hekk:

"*Il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja – l-Artikolu 649 tal-Kodici Kriminali – hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid x'mhux mehtieg u mhux x'inhu mehtieg. Minn din id-disposizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz.*"

Fil-kaz sotto ezami l-kawza kollha hija marbuta ma' l-identifikazzjoni ossia rikonoxximent li ghamel l-attur tal-konvenut dakinhar li sehhet is-serqa. Huwa minnu li minn qari akkurat tax-xhieda tal-attur u martu jirrizultaw certa inkonsistenzi u kuntradizzjonijiet. Biss wiehed hawn irid jiftakar li l-memorja ta' persuna li tkun ssubiet serqa vjolenti li kienet ukoll tinvolvi korriment kemm ta' l-attur u martu li sahansitra kisrulha rigel, tista' tkun affetta minn certa aspetti psikologigi li fl-assjem tal-provi jirrizultaw bhala kontradizzjonijiet u inkonsistenzi. Biss fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti waslet biex temmen lill-attur minkejja

dawn l-inkonsistenzi fuq bazi soda u cioe` fuq ix-xhieda tieghu dwar ir-rikonoxximent tal-konvenut billi dan kien maghruf sewwa ma' l-attur. Jidher ghalhekk li l-ewwel Qorti, ezaminati l-provi kollha, waslet ghall-konvinciment morali li l-ewwel talbiet attrici kellhom mis-sewwa u li konsegwentement kellhom jintlaqghu. Din il-Qorti, ezaminati l-atti kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-konvenut, ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddipartixxi minn din il-konkluzzjoni partikolarment billi c-cirkostanzi msemmija mill-konvenut fir-rikors ta' l-appell tieghu, huma sekondarji ghal fatt proprju tar-rikonoxximent. Dawn l-aggravji dwar is-sentenza preliminari ghalhekk mhux qed jigu kunsidrati bhala gustifikati u l-appell tal-konvenut in kwantu jirriferi ghas-sentenza tal-10 ta' Ottubru, 2006 ser jigi michud.

**L-appell mid-digriet tal-4 ta' Marzu, 2008.**

Jirrizulta li dakinhar li nghatat l-ewwel sentenza u cioe` dik tal-10 ta' Ottubru, 2006, l-ewwel Qorti mhux biss ordnat il-prosegwiment tal-kawza biex jigu decizi t-talbiet rimanenti dwar id-danni u kundanna hlas, izda dakinhar stess, permezz ta' digriet seduta stante, l-istess Qorti tat lill-attur appellat xahrejn zmien biex ihejji prospett tad-danni ghall-ghanijiet tat-tielet talba b'notifika lill-konvenut jew l-avukat tieghu li jkollu xahrejn min-notifika biex jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu.

Fit-13 ta' Novembru, 2006 l-attur, in adempiment ta' l-ordni tal-Qorti fuq imsemmija, ipprezenta Nota li permezz taghha esebixxa "*il-pretensjoni tad-danni subiti mill-atturi, debitament guramentata u sopportata mid-dokumenti relattivi.*" Kopja ta' din in-nota u dokumenti nghatat lid-difensur tal-konvenut.

Fit-8 ta' Jannar, 2007 il-konvenut intavola rikors fejn talab l-isfilz tal-affidavit tal-attur a tenur tal-Artikolu 204 (1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dan ma kienx awtorizzat u l-atturi kienu jiddikjaraw li ghalqu l-provi taghhom cirka sentejn qabel. Fl-istess okkazzjoni l-istess konvenut ipprezenta Nota tal-Osservazzjonijiet dwar il-kontenut tal-affidavit u d-dokumenti pprezentati mill-attur kif fuq inghad.

L-atturi pprezentaw risposta ghat-talba maghmula mill-konvenut ghall-isfilz tal-affidavit ta’ l-attur billi basikament isostnu li dak li sar kien fuq ordni tal-Qorti u r-rakkolta ta’ dokumenti esebiti kienu gja` esebiti waqt il-proceduri u kull ma gara, kif kien mistenni, li dawn gew spjegati u guramentati mill-attur. Ghalhekk talab li t-talba tal-konvenut tigi michuda.

Il-kawza giet differita f’xi okkazzjonijiet u fid-19 ta’ Ottubru, 2007 giet hekk differita “*ghall-provvediment fuq ir-rikors tal-konvenut tat-8 ta’ Jannar, 2007 u jekk ikun il-kaz ghas-sentenza ghall-4 ta’ Marzu, 2008.*” B’digriet moghti dakinhar stess l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-konvenut ghall-isfilz ta’ l-affidavit tal-attur.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti ma tara ebda gustifikazzjoni fit-talba tal-konvenut kontenuta fir-rikors tieghu tat-8 ta’ Jannar, 2007 u dana ghas-semplici raguni li l-attur kien gie awtorizzat mill-istess Qorti biex jaghmel rassenja tad-danni pretizi minnhom u l-fatt li dawn id-danni gew kkonfermati bil-gurament mill-attur ma jmurx kontra dik l-istess ordni anzi, fil-fehma ta’ din il-Qorti tali gurament kien mehtieg biex jaghti kredibilita` lill-istess pretensjoni li kienet qed tigi mressqa billi fl-assenza ta’ tali gurament seta’ jinghad li ma kienx hemm prova tad-danni pretizi. Din mhux kwistjoni ta’ provi godda kif isostni l-konvenut izda att maghmul in ottemperanza ta’ dak li kienet ordnat il-Qorti stess li kienet ser tghaddi ghas-sentenza kif jinghad fid-digriet tas-17 ta’ Novembru 2006. Wara kollox l-istess konvenut ghamel il-kummenti tieghu fuq id-dokumenti esebiti u fuq dak li nghad mill-attur u ghalhekk ma hemmx kwistjoni ta’ pregudizzju. Dan l-appell ghalhekk ser jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar is-sentenza moghtija fl-4 ta’ Marzu, 2008.**

Fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar it-tielet u raba' talbiet kontenuti fic-citazzjoni attrici l-ewwel Qorti esprimiet ruhha bil-mod segwenti:

*"B'sentenza mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2006 il-Qorti laqgħet l-ewwel żewġ talbiet ta' l-atturi – billi qalet illi l-konvenut kien ħa sehem fis-serqa li saret mid-dar ta' l-attur fit-12 ta' Mejju 1995 u, wara li rat l-Art. 1049 tal-Kodiċi Ċivili, qalet illi l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni kollha li ġarrbu l-atturi – u ordnat illi jitkompla s-smigħ għall-għanijiet tat-talbiet l-oħra.*

*"B'digriet mogħti dakinhar ukoll il-Qorti tat lill-atturi żmien biex ifissru bi prospett il-pretensjonijiet tagħhom dwar il-quantum tad-danni. L-atturi għamlu dan il-prospett fil-forma ta' affidavit ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2006 u l-konvenuti għamlu l-osservazzjonijiet tagħhom dwaru b'nota tat-8 ta' Jannar 2007. Din is-sentenza tal-lum hija dwar it-talbiet għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni.*

*"Id-danni pretiżi mill-atturi jaqgħu, essenzjalment, f'żewġ kategoriji: fl-ewwel kategorija hemm il-ħwejjeġ misruqa u n-nefqa biex issewwiet il-ħsara għamlu l-ħallelin biex setgħu jidħlu, u fit-tieni kategorija hemm l-ispejjeż mediċi u ta' kura li kienet teħtieġ l-attriċi May Zammit Tabona billi l-ħallelin kisrulha sieqha waqt is-serqa."*

Meta giet biex tikkunsidra d-danni li jaqghu fl-ewwel kategorija l-ewwel Qorti osservat s-segwenti:

*"Il-Qorti tifhem illi sid ma huwiex mistenni li jżomm riċevuta li turi kemm jiswew il-ħwejjeġ li jżomm f'daru, lanqas li jżomm rendikont dokumentat tal-flus kontanti li jżomm id-dar. L-aħjar prova li tista' ssir f'ċirkostanzi bħal dawk tal-każ tal-lum hija bil-ġurament tas-sid."*

Dan premess l-ewwel Qorti kkonkludiet bil-mod segwenti dwar dawn id-danni:

*"Il-Qorti, wara li qieset l-elementi ta' prova fil-proċess, il-kondizzjoni ta' l-atturi kif setgħet taraha waqt aċċess li sar fid-dar tagħhom, u l-fatt illi ma ntweriet ebda raġuni għala*

*ma għandhiex temmen lill-attur, toqgħod fuq ix-xhieda ta' l-attur u tgħid illi l-ħwejjeġ misruqa u n-nefqa biex issewwiet il-ħsara jiswew b'kollox tlieta u ħamsin elf, tmien mija u tnejn u ħamsin Lira (Lm53,852.00) – mija u ħamsa u għoxrin elf, erba' mija u wieħed u erbgħin Euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€125,441.42).”*

Dwar r-reklam ghall-ispejjes medici l-ewwel Qorti hasset li kellha tassal ghall-konkluzzjoni differenti u tillikwida dawn fuq l-kuncett ta' *arbitrio boni viri* billi osservat:

*“L-ispejjeż mediċi u ta' kura b'kollox telgħu għal sitta u tletin elf, sitt mija u tnejn u ħamsin Lira (Lm36,652). Għal uħud minn dawn l-ispejjeż ma hemmx riċevuti billi l-ħlas kien isir fi flus kontanti. L-atturi qegħdin jippretendu biss in-nofs billi xi wħud minn dawn l-ispejjeż kienu jkunu meħtieġa xorta minħabba fix-xjuħija.*

*“Għalkemm hawn ukoll il-prova tan-nefqa saret bil-ġurament ta' l-attur, il-Qorti tifhem illi hawn iċ-ċirkostanzi huma differenti. Dawn huma spejjeż li saru wara s-serqa meta l-atturi kellhom il-ħsieb li jfitttxu lill-konvenut bil-Qorti, u għalhekk kien mistenni minnhom, u kien ikun għaqli, li jżommu riċevuti. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi ma għandhiex toqgħod fuq il-prospett magħmul mill-attur, iżda għandha tagħmel likwidazzjoni arbitrio boni viri wara li tqis l-elementi ta' prova li hemm fil-proċess, il-ġrieħi li ġarrbet l-attriċi, l-età tagħha u l-kondizzjoni ta' l-atturi. Wara li għamlet dan l-eżerċizzju, il-Qorti tillikwida dawn id-danni minħabba spejjeż mediċi u kura fis-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000).”*

**Ikkunsidrat:**

Illi minn ezami tar-rikors ta' l-appell tal-konvenut jidher li l-aggravju tieghu f'dak li huma danni likwidati mill-ewwel Qorti huwa ndirizzat lejn l-assenza ta' provi accettabbli li fuqhom l-ewwel Qorti setghet tistrieh biex tasal ghal konkluzzjoni taghha u dan kemm fir-rigward tad-danni ta' l-ewwel tip u cioe` l-valur tal-effetti misruqa kif ukoll ghar-rigward tal-ispejjez medici li in realta gew likwidati *arbitrio boni viri* f'ammont ferm anqas minn dak reklamat.

Il-gist tas-sottomissjoni tal-appellant hija msejsa fuq l-massima li *minn jallega jrid jipprova;* li kellha tingieb l-ahjar prova in sosten tal-pretensjoni attrici; u li finalment il-Qorti ma tistax takkorda danni *pro equo et bono* hlief f'cirkostanzi partikolari.

L-ewwel Qorti strahet fuq il-prospett guramentat li pprezenta l-attur fuq ordni tal-istess Qorti kif rajna hawn fuq. F'dan l-hekk imsejjah 'affidavit' l-attur jibda biex ighid illi "*id-danni sofferti mill-atturi huma dawk gja` elenkati fil-process, indikati fid-dokument Nru 9 tal-elenku tad-dokumenti esebiti, flimkien ma' tlett affidavits, tnejn ta' l-attur u wiehed ta' l-attrici, fil-parti ahharija taghhom."* Dan premess l-attur jkompli jghid hekk: "*Izda a tenut tas-sentenza parzjali moghtija minn din il-Qorti l-esponent ighid dan li gej.*

*Jigi qabel xejn relevat:*

*a. Illi l-lista tal-jewellery misruqa mis-safe giet dokumentata skrupolozament, b'oggettivita` guramentata fl-affidavits.*

*b. Illi certament kien hemm oggetti ohra li gew misruqa, li l-atturi ma jiftakruhomx.*

*c. Illi xi erba' oggetti biss kienu gew mixtrija relattivament di recente, u d-dokumenti taghhom instabu jigru mad-dar.*

*d. L-ohrajn kienu gew donati, jew provenjenti minn ereditajiet tal-familja u ghalhekk bla dokumenti possibbli in sostenn.*

*e. Illi l-hallelin hadu l-kontenut kollu tas-safe li kien jinkludi anke flus in kontanti, kif ukoll dokumenti u karti ohra.*

*f. Illi l-lista saret b'ghasir tal-mohh u bi crepacuore, b'ghajnuna qawwija mis-Sur Charles Azzopardi tad-deheb u hadet kwazi tlett snin biex issir, u b'animu li tkun l-eqreb il-verita` umanament possibbli, fil-kontenut u fil-valuri,*

*datata 25 ta' Marzu, 1998 b'hidma ta' tlett snin xoghol wara s-serqa, konkluza aktar ghax l-attur ghejja u ddejjaq ikompli, mhux ghax ezawrita.*

*L-items tal-gojellerija fis-safe misruqa huma inkluzi u stimati* ***Lm51,406*** *Dokument anness, dokument numru wiehed."*

Dan id-dokument esebit bhala Dok G (fol. 890 tal-process) huwa lista ppreparata mill-gojellier Charles Azzopardi fejn gie elenkat, oggett oggett, l-effetti tad-deheb u hagar prezzjuz bil-valuri rispettivi. Dan id-dokument, flimkien mal-affidavit tal-attur, ingiebu a konjizzjoni tal-konvenut.

L-ewwel Qorti strahet fuq dan l-affidavit, u din il-Qorti bhala, ma thoss li l-attur jista` jigi akkuzat b'xi nuqqas f'dan ir-rigward billi jirrizulta li t-telf effettiv soffert mill-atturi, dejjem bazat fuq valutazzjoni ta' persuna tal-mestier, gie konfermat bil-gurament mill-istess attur u tali gurament jikkostitwixxi prova. L-attur ma setghax fic-cirkostanzi msemmija minnu stess fl-istess 'affidavit' jipprezenta ricevuti sew billi l-effetti kienu provenjenti minn ereditajiet kif ukoll billi kienu nxtraw zmien qabel is-serqa u finalment billi kull dokument relattiv seta' kien jinsab fis-*safe* u ghalhekk ma baqax fil-pussess tal-istess atturi. L-attur kien ghaqli, billi t-telf kien ta' oggetti ta' materja specjalizzata u cioe` effetti tad-deheb u hagar prezzjuz, hu ingarika lill-persuna specjalizzata in materja biex jassistih fil-prezentazzjoni tal-*claim* u ma qabghadx u tefa' valur. Jekk il-konvenut kellu xi rizervi dwar il-valuri dan kellu kull opportunita` li jharrek lill-istess Charles Azzopardi biex jikkontrolla dak li kien inkiteb f'dan id-dokument. Dan il-konvenut ma ghamlux u ghalhekk ma jistax issa f'dan l-istadju jichad il-prova li saret bil-gurament tal-attur u accettata mill-ewwel Qorti billi jghid li l-attur ma ressaqx lil Charles Azzopardi bhala xhud. L-aggravju tal-appellant f'dan ir-rigward ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

Illi dwar l-ilment tal-appellant fuq l-ispejjez medici din il-Qorti thossha sorpriza bl-atteggjament tal-konvenut. Jirrizulta li kemm l-attur u martu, u specjalment martu,

sofrew griehi kbar waqt is-serqa li fil-kaz tas-sinjura Zammit Tabona wasslu biex din tispicca *bed ridden* bil-htiega ta' kura u attenzjoni intensiva. L-ewwel Qorti dehrilha li l-ammont reklamat kien eccessiv u ghalhekk ghaddiet biex takkorda ammont ferm aktar konservattiv fis-somma ta' €5000. Din kienet riduzzjoni qawwija tenut kont tat-talba attrici fir-rigward li kienet taqbez is-somma ta' Lm36,652. Huwa minnu li l-atturi ma kienux qed jinsistu fuq dan l-ammont kollu u kienu lesti jaccettaw nofs billi xi whud minn dawn l-ispejjez "*kienu jkunu mehtiega xorta minhabba fix-xjuhija.*" Din il-Qorti izda xorta tara differenza enormi bejn dak li effettivament kienu qed jitolbu l-atturi (cirka Lm18,000) u l-hamest elef Ewro akkordati u konsegwentement ma ssib ebda raguni biex tvarja l-ammont akkordat li jidher altru gustifikat tenut kont li l-bzonnijiet ta' persuna anzjana jikbru meta dik il-persuna tkun ghaddiet minn esperjenza trawmatika. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud filwaqt li s-sentenzi appellati kif ukoll id-digriet appellat qed jigu konfermati fit-totalita` taghhom u dana bl-ispejjez ta' dan l-appell ghall-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------